MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Talba Numru. 62/2013

**Archi+ Limited**
**(C 49508)**

**vs.**

**Eden Leisure Group**
**(C 4526)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 ta’ Frar 2013, li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta’ elf, erba’ mija u ħamsa u sebgħin Euro (€1475).

1. Illi l-kontendenti ffirmaw ftehim iddatat 8 ta’ Novembru 2011 li permezz tiegħu, is-soċjetà attriċi ġiet inkarigata tirrendi servizzi professjonali ossia “spatial and interior design services”.

2. Illi s-soċjetà attriċi ikkompletat l-ewwel u t-tieni fażi tal-proġett ai termini tal-ftehim u fuq inkarigu tas-soċjetà intimata stess;

3. Illi l-bilanċ dovut għas-servizzi reżi jammonta għal Euro1475 liema ammont baqa' sal-lum ma tħallasx u dana nonostante diversi intimazzjonijiet da parti tas-soċjetà attriċi inkluż intimazzjoni permezz ta' ittra uffiċjali datata 5 ta' Diċembru 2012;

Għaldaqstant, is-soċjetà attriċi titlob li dana l-Onorabbli Tribunal jikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma ta' Euro 1475, oltre spejjeż u imgħaxijiet.

Ra r-**Risposta tas-soċjetà konvenuta** ppreżentata fl-1 ta' April 2013, fejn hija teċċepixxi:

1. Illi s-soċjetà attriċi naqset milli tirrendi s-servizzi li lilha ġew inkarigati ai termini tal-ftehim tat-8 ta' Novembru 2011;

2. Illi s-servizzi li kienu reżi kienu biss servizzi inkompleti u ta' ebda użu jew benefiċċju għas-soċjetà intimata;

3. Illi l-ewwel talba għall-ħlas li rċeviet l-intimata kienet dik ai termini tal-ittra tal-5 ta' Diċembru 2012;

4. Illi l-pagament ta' EUR750.00 li affettwat fuq il-ftehim is-soċjetà intimata huma altru milli suffiċjenti għall-ħlas ta' dak eżegwit mill-atturi.

Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra l-affidavits ta' Adrian Mangion u ta' Kurt Francalanza prodotti mis-soċjeta' attriċi;

Ra l-affidavit ta' Simon Decesare prodott mill-grupp konvenut, u semgħu ukoll jixhed in kontro-eżami;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tal-10 ta' Jannar 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Fatti**

It-Tribunal ikkonsidra d-diversi fatti li taw lok għal din il-kawża fosthom:

- l-istima prodotta mis-soċjeta' attriċi li permezz tagħha huma taw deskrizzjoni tax-xogħol li kellhom jagħmlu, kif ukoll prezz għall-istess xogħol.

- din l-istima ma fihiex terminu li fih ix-xogħol kellu jkun komplut;

- is-soċjeta′ attriċi akkomodat lill-konvenuti f'dak li jirrigwarda l-prezz u l-modalita tal-ħlas tax-xogħol u fil-fatt l-istima prodotta hija eżattament skont il-kontro-proposta tal-konvenuti;

- is-soċjeta′ attriċi damet ċirka erba' xhur sabiex ikkonsenjat l-ewwel fażi tal-proġett u cioe is-survey lill-konvenuti, liema fażi ma kinitx dipendenti minn xi kontribuzzjoni jew kollaborazzjoni min-naħa tal-konvenuti;

- illi rigward id-disinn, il-grupp konvenut baqa' ma kienx kuntent, minkejja diversi emendi li saru fuq id-disinni oriġinarjament prodotti mill-atturi;

- illi jidher mill-emails skambjati li l-konvenuti ma kienux jafu eżattament xi jridu f'dak li jirrigwarda l-materjal;

- it-Tribunal ma jirriżultalux mill-provi prodotti f'liema stadju ġew komunikati lill-atturi, r-rekwiżiti tal-konvenuti u cioe il-budget li kienu lesti jonfqu fuq il-proġett, il-fatt li riedu jħallu l-bar eżistenti, u li riedu spazju sabiex jikruh. Fil-fatt ma jirriżultax jekk dawn ir-rekwiżiti ġew komunikati uffiċjalment bil-miktub;

- Il-konvenuti insistew mas-soċjeta′ attriċi li x-xogħol kellu jsir fi Frar / Marzu 2012, skont e-mails skambjati, u minkejja li l-grupp konvenut jgħid illi d-dewmien kien raġuni oħra għat-terminazzjoni tas-servizzi tas-soċjeta' attriċi f'Awwissu 2012, u raġuni oħra għalfejn ħlas ulterjuri mhuwiex dovut, sal-lum u cioe sentejn wara, x-xogħolijiet għadhom ma sarux – fatt li jxejjen l-argument tal-grupp konvenut;
- Is-soċjeta' attriċi provdiet ktieb dwar *cinema architecture* lill-konvenuti sabiex minnu jindikaw xi elementi li jkunu laqtuha; il-konvenuti jirrispondu li minn ktieb sħiħ ma jogħġobhom xejn u li l-atturi kellhom ifittxu l-ispirazzjoni

taghhom band'oħra – fatt li juri l-karattru diffiċli tal-konvenuti li minn ktieb sħiħ ma jogħġobhom xejn.

**Konsiderazzjonijet**

Meta jikkunsidra dan kollu, it-Tribunal iħoss li għal raġunijiet insaputi lit-Tribunal, il-grupp konveut xtaq li jirtira mill-ftehim li kellu mas-soċjeta' attriċi u għaldaqstant kwalsiasi disinji u materjali li ġew provduti lilu ma ġewx approvati mill-grupp konvenut;

Illi fil-frattemp is-soċjeta' attriċi kienet użat ħafna sigħat fl-iżvilupp tat-tieni fażi tal-proġett li fil-fehma tat-Tribunal kien sar min-naħa tas-soċjeta' attriċi għajr għal "research and presentation of case studies"; Fil-fehma tat-Tribunal l-oġġetti oħra elenkati taħt it-tieni fażi ġew imwettqa mis-soċjeta' attriċi, anke jekk biss verbalment. Fil-fatt, it-tieni fażi hija msejħa "**Preliminary** concept and planning" (enfasi tat-Tribunal). Il-pjani iktar dettaljati kienu parti mit-tielet fażi intestata "Conclusion of General Design and Detailing".

Illi għalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-ħlas għat-tieni fażi tal-proġett huwa dovut mill-grupp konvenut lis-soċjeta' attriċi iżda mis-somma ta' €1550 mitluba, it-Tribunal qiegħed inaqqas is-somma ta' €250, liema somma qed tiġi determinata fid-diskrezzjoni tat-Tribunal, għar-*research u case studies*, li ma ġewx imwettqa mit-tieni fażi tal-proġett kif fuq spegat.

Illi m'hemmx kontestazzjoni li l-ewwel fażi ġiet imwettqa u kompluta mis-soċjeta' attriċi u għalhekk il-ħlas għaliha huwa dovut ukoll.

Għaldaqstant il-ħlas dovut mill-grupp konvenut lis-soċjeta' attriċi huwa s-segwenti:
€450 għall-ewwel fażi
€1300 għat-tieni fażi
€315 għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud
Total ta' €2065
Minn dan l-ammont għandu jitnaqqas il-pagament ta' €750 li sar mill-grupp konvenut u għaldaqstant jibqa' dovut l-ammont ta' €1315.

**Deċide**

Għar-raġunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' elf tliet mija u ħmistax-il Ewro (€1315) u konsegwentement jordna lill-grupp konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf tliet mija u ħmistax-il Ewro (€1315), bl-imgħax legali dekorribbli mill-5 ta' Diċembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jitħallsu għal sest (1/6) mis-soċjeta’ attriċi u ħames sesti (5/6) mill-grupp konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------